MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 660/2005

**Peak Insurance Agency Limited (C-11185) u b'digriet tat-12 ta' April, 2005 saret korrezzjoni billi l-kliem « Peak Insurance Agency Ltd » gew sostitwiti bil-kliem « Peak Insurance Brokers Ltd »**
**vs**
**Guido Whitelaw (14253A)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Marzu, 2005, fejn inghad :**

**Illi l-konvenut kien kkuntratta lis-socjeta` attrici sabiex tfornih b'Polza tal-Assikurazzjoni, liema « cover » gie provdut mis-socjeta` attrici ;**

**Illi l-ammont dovut mill-konvenut fir-rigward ta' tali Polza u Taxxa tal-Boll u « Marine Hull Insurance » jammonta ghal mitejn u tnejn u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm292.81);**

**Illi wara diversi nterpellanzi illi saru lill-konvenut sabiex jeffettwa l-hlas dovut minnu, l-istess konvenut baqa' nadempjenti;**

**Ghaldaqstant s-socjeta` attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mitejn u tnejn u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm292.81), bl-ispejjez u l-interessi mid-data tal-invoice.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm292.81), bl-imghax legali dekoribbli mil-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------